# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA .......................

TARANTO

*HADD IL-PALM .*

Ic-celebrazzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa gewwa Taranto jibdew minn Hadd Il-Palm. F'dak il-jum li fih niccelebraw id-dhul trionfali ta' Gesu' gewwa Gerusalemm, iz-zewg konfraternitajiet principali ta' Taranto, dik ta' l-Addolorata li tappartieni lil knisja ta' San Duminku Magguri u dik tal-Karmnu li tappartieni lil knisja tal-Karmnu, izommu rkant biex il-membri taghhom ikunu jistghu jiehdu sehem fiz-zewg purcissjonijiet, dik ta'l-Addolorata u dik tal-Misteri. F'dan l-irkant jistghu jiehdu sehem biss dawk li huma membri, li ma ghandomx xi dixxiplina kontrihom u li huma in regola ma' l-amministrazzjoni. Min joffri l-aktar jinghatalu d-dritt ghal dik l-istatwa li tkun saret l-irkant fuqha. Id-dhul kollu mill-irkant iservi biex jithallsu l-ispejjez tac-celebrazzonijiet kif ukoll ghal xi skopijiet ta' beneficcju u karita'.

*HAMIS IX-XIRKA U L-GIMGHA L-KBIRA.*

Fil-hin tat-tlieta ta' wara nofsin-nhar ta' Hamis ix-Xirka, jibda l-Pellegrinagg ghal-altari tar-Reposizzjoni, msejha Sepulkri. Il-fratelli tal-Karmnu mlibbsa bl-abitu tal-fratellanza taghhom, hafjin u bil-kapott imnizzel fuq wicchom u kapell fuq rashom u bil-bastun f'idejhom, izuru il-knejjes ta' Borgo Umbertino u tal-Belt l-Antika biex fl-ahhar jispiccaw fil-knisja tal-Karmnu ghall-habta ta' nofs il-lejl.

Il-Pellegrinagg imbaghad ikompli ma' l-ewwel raggi tad-dawl tax-xemx fil-Gimgha l-Kbira biex jintemm ghall-habta ta' 11.00 ta' filghodu. Meta jaslu fil-knisja , jitfghu l-kappel wara spallejhom, jersqu lejn l-artal, jaghmlu inkin bhala qatt ta' riverenza u jbiddlu il-membri li jkunu hemm qabilhom, li mbaghad imorru fi knisja ohra biex ikomplu joffru atti ta' qima lejn Gesu' Ewkaristija. Il-fratelli jaduraw is-sagrament b'wicchom mikxuf. Dan il-rit ta' Pellegrinagg ilu jezisti sa mis-sena 1500. U l-fratellanza

ta' Karmnu hi l-unika fratellanza fost dawk weqfin gewwa Taranto li baqghet izzomm din it-tradizzjoni fil-vizti tas-Sepulkri.

Ghal 16.30 ta' Hamis ix-Xirka, il-qassis spiritwali tal-Konfratenita' jqaddes fil-knisja il-Quddiesa tac-Cena tal-Mulej. Ic-celebrant jahsel saqajn tnax-il fratell imlibbsa l-abitu tal-fratellenza. Meta tispicca il-funzjoni tibda l-processjoni bis-Sagrament mill-pjazza ta' quddiem il-knisja biex wara jkun mqieghed fit-tabernaklu tas-Sepulkru ghall-qima ta' kulhadd.

Matul il-pellegrinagg li jkun qed isir fil-jum tal-Gimgha Kbira jista' jigri li xi fratelli jiltaqghu mal-purcissjoni tad-Duluri organizzata mill-istess Konfraternita'. F'dan il-kaz il-fratelli jitfghu l-kappell wara spallejhom u jinzlu gharkubtejhom quddiem is-salib tal-misteri u l-istatwa ta' l-Addolorata. Il-purcissjoni tieqaf ghal-ftit quddiem il-knisja tal-Karmnu fejn tkun milqghuha mill-qassis spiritwali tal-Konfraternita' u mill-Prijur flimkien mal-Kunsill tieghu. Hemm issir waqfa zghira ta' talb u jincensaw is-simulark tal-Vergni. Imbaghad il-purcissjoni tkompli bir-ritmu taghha.

Ghal 12.00 tal-Gimgha l-Kbira isir l-Azzjoni Liturgika ta' l-Adorazzjoni tas-Salib. Wara l-funzjoni l-knisja tinghalaq biex isiru l-preparamenti ghall-purcissjoni bil-Misteri Mqaddsa.

## *IL-PURCISSJONI TA' L-ADDOLORATA*

Hamis ix-Xirka filghaxija jara lill-fratelli libsin l-ilbies tal-festa, jiehdu sehem fil-purcissjoni tas-Sagrament, johorgu mill-Oratorju taghhom biex jidhlu fil-knisja ta' San Duminku Maggur. Hawnhekk tibda l-"Ora Santa" immexxija mill-qassis spiritwali tal-Konfraternita' u li xi mindaqqiet fiha jiehu sehem ukoll l-Arcisqof.

Wara li tintemm l-adorazzjoni ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl bejn Hamis ix-Xirka u l-Gimgha l-Kbira, tibda il-purcissjoni tad-Duluri.

Il-purcissjoni tiftah bi fratell li jhabbat ic-cuqlajta. U warajh issegwi wahda miz-zewg baned partecipanti. Warajha ikun imiss li jiehdu sehem "Posta" partikulari li jsejhulha "Le Pesare" Din il-Posta jew ahjar "sezzjoni" hija riservati ghat-tfal. Iz-zewg fratelli zghar jilbsu l-ilbies ufficjali minghajr il-muzzetta u jgibu madwar ghonqhom zewg pizijiet ta' l-injam.

Imbaghad jimxi is-Salib tal-Misterji li ma huwa xejn ghajr Salib imzejjen bis-simboli tal-passjoni ta' Kristu. Isibu posthom ukoll simboli deskritt fil-vangeli apokrafi, imma dejjem gheziez ghad-devozzjoni popolari: per ezempju l-maktur tal-Veronika.

Fil-purcissjoni jiehdu sehem diversi fratelli li jkunu maqsuma fi tlett gruppi. Quddiem kull grupp jimxi fratell jerfa' s-salib. Dawn it-tlett fratelli mghobbija bis-salib jfissru u jirrapresentaw it-tlett waqghat tal-Mulej waqt il-vjagg tieghu lejn il-Kalvarju. Huma l-unici tlett fratelli fil-purcissjoni li jimxu hafjin u bhal "Pesare" minghajr muzzetta.

Quddiem l-istatwa ta' l-Addolorata jimxu tlett fratelli; dak tan-nofs ikun qed jerfa' bastun. Dawn il-tlett fratelli jsejhulhom it-"Trono" Il-bastun jirrapresenta r-regalita' ta' Marija Santissima bhala Omm Alla. Huwa wkoll simbolu ta' l-awtorita' tal-Prijur fuq il-fratelli shabu.

Il-qofol tal-purcissjoni hija l-istatwa tad-Duluri merfugha minn tmien fratelli. Il-purcissjoni tispicca ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fil-jum tal-Gimgha l-Kbira meta tidhol fl-Istitut ta' Marija Immakulata.

## *L-ILBIES RITWALI TAL-KONFRATERNITA' TAL-KARMNU*

L-Ilbies Ritwali tal-Konfraternita' tal-Karmnu jintlibes mill-fratelli fi kwazi l-manifestazzjonijiet kollha liturgici, kemm dawk esterni kif ukoll dawk interni : il-purcissjoni tal-Madonna tal-Karmnu, tal-qaddisin patruni ta' Taranto (San Katald fl-10 ta' Mejju u ta' l-Immakulata fit-8 ta' Dicembru) f'Corpus Domini, il-Pellegrinagg ta' Hamis ix-Xirka u fil-Gimgha l-Kbira, fil-purcissjoni tal-Bambin Gesu' fis-6 ta' Jannar, fil-Kwaranturi solenni, fil-festa tal-Via Matris fil-gimghat tar-Randan, fil-Via Sagra fil-Hdud tar-Randan, l-Adorazzjoni tas-Salib fil 5 Hadd tar-Randan, u f'cirkustanzi ohra indikati mill-Prijur. Lilbies Ritwali tista tghid huwa dak li originarjament kien sa mit-twaqqif tal-Konfraternita'. Huwa maghmul hekk:

Tunika Bajda: l-element komuni ghal Konfraternitajiet kollha fi Trapani.

Il-Labtu: id-distintiv importanti li l-fratell huwa wiehed li jappartieni lil familja Karmelitana u l-element sinifikativ u li jidher li l-membru tal-fratellanza jobbliga ruhu li jghix skond ir-rieda evangelika u li jkun devot ta' Marija Santissima. Il-Labtu ghandu l-kitba Decor fuq naha u Carmeli fuq l-ohra. Huwa maghmul minn drapp iswed u l-kitba hija irrakmata b'kulur blu. Dawk tal-Prijur u l-assistenti u kunsilliera ikunu rrakmati b'hajt prezzjuz. Anke n-nisa jilbsu labtu li fuq naha juri l-arma tal-Konfraternita' u fuq l-ohra x-xbiha tal-kwadru li jinsab fuq l-artal maggur tal-knisja.

Tintlibes ukoll Kuruna tar-Ruzarju mal-qadd kif ukoll cinglu iswed li jirrapresenta il-flagelli tal-Gesu'. Iz-zarbun tal-fratelli hu ta' kulur abjad u fuq il-wicc tieghu hemm imwahhlin kukkardi blu bil-buttuni bojod. Fil-manifestazzjonijiet tar-Randan (Via Matris, Via Sagra, u l-Adorazzjoni tas-Salib, fil-pellegrinagg u fil-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira, il-fratelli jimxu hafjin kemm fil-knisja kif ukoll barra fit-triq.

Il-Muzzetta hija kappa zghira ta' kulur krema bi 22 buttuna suwed. Il-muzzetta hija karatteristika ta' l-ilbies tal-pellegrini tal-medjuevu u l-konfraternitajiet addotawh bhala parti mill-ilbies taghhom. Zidiet ma' dan l-ilbies huma l-kappell u l-bastun li l-fratell igib biss fil-funzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa. Il-kappell jaghmel parti integranti mill-ilbies. Ghandu l-ghamla tradizzjonali tal-kappell tas-sacerdot, b'faldi wisghin u mdawwar b'zigarella blu. Iz-zigarella mdendla fuq iz-zewg nahat tghaddi minn accetta ta' wahda mill-buttuni tal-muzzetta u mwahhla mal-qadd biex permezz t'hekk il-kappell jibqa' imdendel wara l-ispalla meta dan jitnehha minn fuq r-ras.

Il-kappell jintlibes biss mitfugh lura fuq l-ispalla fl-okazzjonijiet kollha b'eccezjoni ghal min jiehu sehem fil-pellegrinagg ta' Hamis ix-Xirka u l-Gimgha l-Kbira u l-fratell li jgorr ic-cuqlajta fil-processjoni tal-Misteri.

F'kull okazzjoni il-fratelli jilbsu l-ingwanti bojod. Ixiddu wkoll fuq rashom il-kapott abjad. Ghal funzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa l-kapott jaghttilhom wicchom, izda ghall-bqija tal-funzjonijiet l-ohra liturgici tas-sena il-kapott jintrefa' ‘l fuq b'mod li wicchom ikun mikxuf. L-unici fratelli li wicchom ikun mikxuf fil-Gimgha l-Kbira huma r-reffiegha ta' l-istatwi u ta' dawk li jgorru s-simboli fil-purcissjoni tal-Misteri.

*IL-PURCISSJONI TAL-GIMGHA L-KBIRA.*

Wara nofs in-nhar precizament fil-hamsa, jinfetah il-bieb tal-knisja tal-Karmnu u tibda hierga l-purcissjoni bil-Misteri bl-ewwel fratell ikun dak li jhabbar il-bidu taghha pemezz tad-daqq ta' cuqlajta. Din hija bicca injama interzjata b'sett ta' manilji tal-metal imwahhla fuqha. Kull darba li l-fratell jdawwar idu fuq naha u ohra b'certa heffa l-manilji jahbtu ma' skudetti anke huma tal-metal u jaghmlu dak ic-certu hoss karatteristiku.



Warajh timxi l-ewwel banda u jsegwi imbaghad l-istendard tal-Konfraternita' maghmul minn drapp iswed; fuq naha hemm ix-xbiha ta' anglu u fuq l-ohra x-xbiha ta' Gesu' nkurunat bix-xewk. L-istendard bhala sinjal ta' luttu ghall-mewt tal-Mulej Gesu' ikun espost mal-faccata tal-knisja minn tlugh ix-xemx tal-Gimgha Mqaddsa sal-mument li tibda l-purcissjoni meta imbaghad jingarr f'din manifestazzjoni.

L-istendard bhas-Salib tal-Misteri jingarr minn fratell li wicc ikun mikxuf u l-kappot migbur fuq rasu permezz ta' kuruna tax-xewk. Imbaghad johrog is-Salib tal-Misteri li jigbor fuqu is-simboli kollha tal-Passjoni tal-Mulej. Ta minn jinnota li l-fratell qatt ma

jserrah jew ipoggi s-salib ma' l-art izda jibqa' jzommu merfugh sa dak il-hin li l-purcissjoni taghmel waqfa fil-knisja parrocca ta' San Frangisk minn Paola

Tlett koppji ta' fratelli jipprecedu l-istatwa ta' Kristu fl-ort. Anglu joffri l-kalci tat-tbatija lil Kristu filwaqt li Kristu Gesu' qed jitlob lil Missieru: "Mulej, jekk tista bieghed minni dan il-Kalci, izda mhux kif irrid jiena izda kif trid Inti jkun maghmul."



Kull misteru jingarr minn 4 reffiegha libsin l-abitu ritwali, bl-eccezzjoni tal-kappell u daqstant iehor fratelli libsin ilbies skur li jkun qed jerfghu forcina. Kultant l-istatwa titqieghed fuq il-forcini biex ir-reffiegha jkollhom ftit tal-mistrieh.

Id-dmir li tinzamm l-ordni fil-Korteo sagru jaqa' fuq seba' fratelli li jsejhulhom "mazziera", anke huma libsin l-ilbies ritwali filwaqt li jzommu u jgorru f'idejhom mazza b'simbolu differenti minn ta' l-iehor fuq il-quccata taghha. Xoghol il-mazziera hu li jaghtu daqqa t'id lir-reffiegha ta' l-istatwi jew simboli biex dawn jistriehu ghal xi ftit tal-hin.

It-tieni misteru hu dak ta' Kristu ifflagellat jew kif inhu maghruf "il-Kolonna". Kristu hawn jidher marbut mal-kolonna u fuq il-gisem divin tieghu diga' jidhru l-ewwel sinjali tad-daqqiet tas-swat. Din l-istatwa bhat-tliet li jsegwu lil dik ta' l-Ort gew mahduma minn Giuseppe Manzo fis-sena 1901. L-istatwarju gie mitlub biex il-kolonna li maghha jidher marbut Kristu tkun immudellata u mahduma fuq ir-relikwija ikkonservata fil-knisja ta' Santa Prassede gewwa Ruma. L-istatwa precedenti ukoll sfat mitlufa

Wara ikun imiss lil "Ecco Homo" . Din l-istatwa mahduma ukoll minn Giuseppe Manzo fis-sena 1901 tirrapresenta lil Gesu' nkurunat bix-xewk u mlibbes b'mantell ahmar. Wara li sawwtuh, tawh qasba f'idejh u libbsuh mantar ahmar u bdew jizzufjettaw bih, jobsuqlu filwaqt li jsellmulu: "Sliem ghalik Sultan tal-Lhud."

Tasal imbaghad biex tohrog l-istatwa ta' Kristu Redentur muri bhala l-bniedem li fost tbatija kbira ma jiflahx igorr is-salib tqil lejn il-Kalavrju, il-lok fejn kellu jigi imnehhi, u bhala rizultat jaqa' wiccu fl-art taht is-salib. Dan ukoll huwa xoghol ta' Giuseppe Manzo li sar fis-sena 1901 ghaliex dik ta' qabilha spiccat biz-zmien

Imisshom issa li johorgu qabel l-ahhar zewg statwi, erba' misteri ohra. Il-Kurcifiss, simbolu tal-fidwa: " Kienet it-tielet siegha meta sallbuh. Fid-disa' siegha waqa' dlam kbir fuq l-art kollha u Gesu' ghajjat ghajta kbira, "Alla tieghi, Alla tieghi ghaliex abbandunajtni" U radd ruhu.

Il-Lizar ta' Kristu. Is-salib huwa issa vojt. Guzeppi d'Armatea u Nikodemu hadu l-gisem ta' Gesu' u kebbewh f'lizar.

Wara din il-posta tiehu postha t-tieni banda, erba' koppji ta' fratelli, u l-antika statwa ta' Kristu mejjet. Is-sultan tas-slaten mindud ma jiccaqlaqx. Il-missjoni tieghu hawn fuq l-art intemmet. Fil-gnub ta' l-istatwa, erba kavallieri jakkumpanjaw lil Gesu' bla hajja . Dawn antikament kellhom ikunu jappartienu lil familji nobbli ta' Taranto skond l-att ta' donazjoni u biex tkun milqghuha x-xewqa tan-nobbli Calo'. Izda meta dawn gew fi tmiemhom, posthom haduh erba' kavallieri tas-Santu Sepulkru

Fl-ahhar tigi l-antikissima statwa tal-Beata Vergni Addolorata. Din hija x-xbiha tad-dulur u n-niket li ikollha igorr maghha omm li tilfet li binha l-ghaziz. Qalb l-Addolorata hija minfuda b'sejf u f'id wahda qed izomm maktur. It-tielet banda u l-fidili jaghlqu l-purcissjoni. Din taghmel waqfa zghira fil-knisja ta' San Frangisk ta' Paola biex fl-ahhar tidhol mill-gdid fil-knisja tal-Karmnu, milqughha minn xmara ta' nies ghall-habta tad-9 tas-Sibt filghodu. Il-habbat tac-cuqlajta ihabbat tlett darbiet bil-bastun fuq il-bieb tal-knisja biex dan jinfetah halli tkun tista tidhol mill-gdid fil-knisja taghha.

## *NOTI INTERESSANTI FUQ IL-FRATELLENZA TAL-KARMNU*



Il-fratelli li jaqdu dan id-dmir ta' pellegrinagg lejn is-"Sepulkri" huma maghrufa mill-poplu bhala il-"Perdune". Huma jtemmu dan id-dmir tnejn tnejn u din il-koppja jsejhulha "Posta." Tul il-pellegrinagg huma jimxu hafjin, b'wicchom mghammad bil-kappot, b'kappell fuq rashom u bastun abjad f'idejhom.

Jnehhu l-kappell u jitfghuh wara spallehom kull darba li jidhlu fi knisja u meta jigu biex jaduraw is-sagrament jikxfu wicchom. Il-pellegrinaggi li jwettqu l-"Perdune" kollha jispiccaw b'vizita lill- knisja tal-Karmnu.

Il-"Posta" maghmulha minn zewg fratelli qeghdin gharkubtejn quddiem is-Santissmu Sagrament f'mument ta' adorazzjoni. Innota wicchom hu mikxuf u mill-gdid jghattuh qabel ma johorgu mill-knisja.

Jibdlu lil "Posta" ta' qabilhom filwaqt li jsellmu lil xulxin bhala gest ta' kortesija. Hekk jergghu jaghmlu jekk jaghmlu jekk fit-triq waqt l-pellegrinagg taghhom jiltaqghom ma' "Posta" ohra.

L-artal tar-Reposizzjoni lest u armat kif jixraq ghal okazzjoni.

Mument iehor meta il-qassis spiritwali ta' Konfraternita' qed iqaddes il-quddiesa ta' l-ahhar Cena tal-Mulej. Madwaru jinsabu tnax-il-fratell li lilhom ic-celebrant jahslilhom saqajhom bhala tifkira tal-gest li wettaq il-Mulej Gesu' fl-ahhar Cena li Huwa ghamel ma' l-appostli tieghu.

Wara ssir purcissjoni bis-Santissmu Sagrament u mill-gdid jerga' jitqieghed fis-Sepulkru ghall-qima tal-fidili .



REDENTUR



ADDOLORATA



IL-FLAGELLAZJ0NI




KRISTU NKURUNAT BIX-XEWK




L-ORT



IL-MONUMENT